# MINUTI

## Laqgħa Annwali tal-Lokalita' Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru LAL/01/2021

Il-Ħamis 8 t'April 2021

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar laqqa' lill-pubbliku virtwalment għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' permezz ta' *Microsoft Teams®* nhar il-Ħamis 8 t'April 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija. Din il-laqgħa saret b'dan il-mezz minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-imxija tal-virus COVID-19 u skont id-direttiva numru 7/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

ATTENDENZA MILL-PUBBLIKU: 1

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

Din il-laqgħa ssejħet skont kif jistipula Artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Għal din il-laqgħa setgħu jieħdu sehem r-residenti li isimhom jidher fuq l-aħħar reġistru elettorali tal-Munxar, li dawn ġew innotifikati permezz ta' avviż li tqassam f'kull residenza.

### 1.1 Qari u approvazzjoni tal-minuti;

1.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-minuti tal-aħħar laqgħa pubblika bin-numru LAL/01/2020 u dawn ġew approvati minn dawk preżenti u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 1.2 Ir-Rapport Amministrattiv tas-sena 2020;

1.2.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, ippreżenta r-Rapport Amministrattiv tas-sena 2020 li kien approvat fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar għall-attenzjoni tal-membri mill-pubbliku preżenti li huwa wkoll aċċessibli fuq il-*website* tal-Gvern Lokali.

### 1.3 Ir-Rapporti Finanzjarji tas-sena 2020;

1.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, ippreżenta r-Rapporti Finanzjarji tas-sena 2020 għall-attenzjoni tal-membri mill-pubbliku preżenti liema rapporti kienu approvati f'laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar aktar kmieni din is-sena u mibgħuta lill-awdituri.

### 1.4 Pjan ta' Ħidma għas-sena 2021;

1.4.1 Is-Sindku ppreżenta l-pjan ta' ħidma tal-Kunsill għas-sena 2021. Fost l-oħrajn huwa għarraf lil dawk preżenti li f'din is-sena apparti x-xogħlijiet operattivi ta' manutenzjoni u amministrattivi ta' kuljum, il-Kunsill Lokali ser ikun qed jimplimenta diversi proġetti kapitali fosthom it-tisbieħ ta' Pjazza tal-Knisja fil-Munxar, ir-restawr tat-Torri

tax-Xlendi, restawr ta’ diversi ħitan tas-sejjieħ kif ukoll bini ta’ bankina u *belvedere* ġdid fi Triq L-Isqawi fil-Munxar.

## 1.5 Suġġerimenti mill-Pubbliku Preżenti;

1.5.1 Ir-resident preżenti ressaq dawn is-suġġerimenti:

- jiġi ffaċilitat l-aċċess għaż-żona tat-Torri tax-Xlendi;
- kif jitlesta l-proġett jitneħħa l-materjal li tpoġġa fil-Wied tal-Kantra biex ikun hemm aċċess bil-vetturi waqt ix-xogħlijiet ta’restawr tat-Torri tax-Xlendi;
- l-użu tat-torri ġaladarba jitlestew ix-xogħlijiet;

Is-Sindku wieġeb li dwar l-aċċess għaż-żona tat-Torri tax-Xlendi qed tiġi evalwata kull possibilta’ f’kuntest ambjentali u permissibbli, filwaqt li kkonferma li dak il-materjal ser jitneħħa skont il-permessi tal-awtoritajiet hekk kif jitlesta x-xogħol. Dwar l-użu tat-Torri tax-Xlendi, huwa għarraf lir-resident li parti mix-xogħlijiet ser ikun il-bini ta’ *interpretation centre* għal dawk kollha li ser iżuru din l-attrazzjoni turistika.

## 1.6 Tmiem il-laqgħa.

1.6.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 ta’ filgħaxija.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv